# IL-BERĠA TAL-INGILTERRA U L-BAVARJA

**Il-Lingwa tal-Ingilterra, li kienet tkopri l-gżejjer Brittaniċi kollha, sfat fix-xejn matul is-seklu 17 minħabba l-abolizzjoni tagħha u s-sekwestru tal-proprjetajiet tagħha mir-Re Enriku VIII fit-tieni kwart tas-16-il seklu. Għaldaqstant, ma nbnietx Berġa għall-Lingwa tal-Ingilterra meta l-Kavallieri mxew għall-Belt Valletta fl-1571. Eventwalment, din il-Lingwa reġgħet ħadet ir-ruħ bit-twaqqif tal-Lingwa tal-Ingilterra u l-Bavarja fl-1784. Sal-1798, din il-Lingwa ġdida kibret ġmielha u kienet tinkludi territorju vast ferm magħmul mill-gżejjer Brittaniċi, ir-reġjun tal-Bavarja fin-nofsinhar tal-Ġermanja, il-Polonja u r-Russja.**





Emblema tal-Lingwa tal-Ingilterra u l-Bavarja

## RWOL FI ĦDAN IL-GVERN TAL-ORDNI

L-istess bħad-dipartmenti tal-Gvern ta' llum, kull Lingwa kien ikollha r-responsabbiltajiet tagħha. Il-Lingwa tal-Ingilterra u l-Bavarja kienet tieħu ħsieb il-Kavallerija. Il-Piljier (kap) tagħha kien jokkupa l-kariga ta' Turkopoljier.

## IL-PALAZZ TA' KARNEJRU

Fl-1782, Charles Theodore, ir-renjant tal-Kuruna tal-Bavarja bejn l-1777 u l-1799, xtara l-palazz kbir li jagħti għal fuq il-Port ta' Marsamxett sabiex iservi ta' Berġa għall-Lingwa tal-Ingilterra u l-Bavarja li kienet ser titwaqqaf. Dan il-palazz kien inbena mill-Balliju Portugiż Fra Gaspare Carneiro fl-1695, u għadda f'idejn l-Ordni wara mewtu.

## BINJA PROMINENTI

Il-faċċata tal-Berġa tal-Ingilterra u l-Bavarja għandha għoli ta' żewġ sulari u tokkupa blokka sħiħa biswit il-parapett wiesgħa li jinsab wara s-sur tal-Ingilterra. Il-parti ċentrali tagħha tikkonsisti f'bieb kbir b'żewġ pilastri fuq kull naħa. Fuq ir-riħ tagħhom insibu gallarija miftuħa u mistrieħa fuq saljaturi ġganteski. Il-bqija tal-faċċata hija minfuda minn numru ta' twieqi rettangulari qrib xulxin, filwaqt li l-kantunieri huma magħmula minn pilastri sempliċi u maqsuma f'żewġ ordnijiet. Il-parti ta' fuq tal-faċċata hija magħluqa permezz ta' gwarniċun, waqt li s-sulari huma maqsuma permezz ta' kurduna. It-taqsim intern għandu għamla ta' U, u jinkorpora numru ta' kmamar għoljin u mdawwlin li jintlaħqu permezz ta' kurituri wiesgħa u arjużi.



## SPTAR, SKOLA U DIPARTMENT TAL-GVERN

Sal-għoti tal-Gvern Responsabbli fl-1921, din il-binja baqgħet okkupata mill-militar Ingliż u serviet bħala sptar waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija. Meta għaddiet f'idejn il-Gvern Malti, din intużat bħala skola għal xi żmien, sakemm fl-1979, bdiet isservi bħala Uffiċċju Ewlieni tad-Diviżjoni li tieħu ħsieb il-proprjetà tal-Gvern.

© 2021 Heritage Malta Publishing